Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TMIENJA U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2010

**Ħin:** Mis-6.53pm sat-8.25pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-7.00pm u kien skuzat fit-7.50pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u l-laqgħa bidet.

**1. <u>Korrezzjoni tal-Minuti tas-Seba' u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tas-Seba'u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Fuq proposta tal-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar li jiġu kkoreġuti l-Minuti tas-Seba' u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2010, sabiex mit-tielet sentenza tat-tieni paragrafu ta' artiklu 13 "Jiem il-Ġonna u Jum Ħal Balzan" fuq paġna 4, jitneħħew il-kliem "l-Kap ta' l-Oppozizzjoni," u biex fit-tarf tal-paragrafu tiżdied sentenża li taqra "Il-Kunsill qabel ukoll li jistieden lil-Kap ta' l-Oppozizzjoni". Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**F'dan il-ħin daħal is-Sindku u ħa s-siġġu. Is-Sindku talab lill-Kunsill biex jgħaddi għal-aktar affarijiet urġenti peres li ser ikollu jitlaq kmieni minħabba f'impenni ta' xogħol.**

Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iniżjalaw il-korreżżjonijiet biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seba' u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Il-Minuti tas-Seba' u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku J. Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**3. Mill-Minuti.**

1. Il-Kunsillier G. Borg innota li b'referenza għal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa fejn il-Kunsill innota li mhux ser jagħti flus lura lill-Kumitat Konġunt, ta' min jinnota li jekk l-arbitraġġ jaqta' l-kaz kontra l-Kunsill, il-Kunsill bilfors ikollu jagħti l-flus lura għaldaqstant is-somma involuta ma tista tintnefaq. Ġie miftiehem li din is-somma flus (ta madwar 6,000 Euro) ma tintmissx sakemm tingħata deċizjoni mill-arbitraġġ.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm talba biex jipparkja van biex ibiegħ prodotti tal-Go fil-pjazza f'ġurnata tal-Ħadd li jiddeċiedi l-Kunsill. Il-korrispondenza kienet ġiet mgħoddija lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa t-talba ta' l-applikant u dan jingħata permess biex għal-darbtejn fis-sena jipparkja van tal-GO fil-pjazza bil-kundizzjoni li jisponsorjaw erba' edizzjonijiet tan-*newsletter* tal-Kunsill għas-somma ta' €150 kull edizzjoni.

3. Dwar il-Proposta għall-kollaborazzjoni fl-attivita' ta' Ħadd il-Palm mal-Kazin San Gabriel, il-Kunsill unanimament qabel li jipprovdi s-servizz ta' *scouts* għas-somma ta' €150 sakemm tingħata riċevuta fiskali. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv titkellem ma l-awditur biex tara jekk riċevuta normali hiex aċċettabbli peres li l-kazini u għaqdiet volontari ma jagħtux riċevuti fiskali.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni għall-istallazzjoni ta' fanali fi Triq Mons. F. X. Zahra li ġġib id-data tas-(mehmuza). Il-Kunsill unanimament qabel li ma għandux il-fondi neċessarji biex jinbidlu l-lampi u jsiru fanali u għaldaqstant il-lanterna li nqalgħet minn fuq Palazzo Bosio għandha titwaħħal fuq it-tarf tad-dar tas-Sur Schembri bin-numru 23.

**4. Rapport għas-sena Finanzjarja April – Diċembru 2009 emendat.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport finanzjarju għas-sena April – Diċembru 2009 peres li saru xi emendi. Is-Segretarju Ezekuttiv spjeġat x'emendi saru li kienu jikkonsistu f'tibdil ta' *headings* u f'kaz wieħed item partikolari tqiegħdet fuq paġna oħra allura inbidlu t-totali. (mehmuz). Kopja tar-rapport ingħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Ir-rapport li kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien ssekondat mis-Sindku ġie approvat unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ir-rapport biex juru li huwa dokument korrett.

**5. Business Plan għat-Tlett snin 2010 – 2012.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-Business Plan għat-Tlett snin 2010-2012 (mehmuz). Kopja tal-*Business Plan* ingħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Business Plan kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien ssekondat mis-Sindku ġie approvat unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-Business Plan biex juru li huwa dokument korrett.

**6. Rapporti ta' l-Effiċienża ta' l-Impjeġati tal-Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-effiċjenza ta' l-impjegati tal-Kunsill għas-sena April – Diċembru 2009 fir-rigward ta' l-iskrivani *part-time* s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia.

Il-Kunsill unanimament qabel li ż-żewġ impjeġati tal-Kunsill, s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia jingħataw *bonus* ta' l-effiċjenza ta' 3% tas-salarju tagħhom, pro-rata maħduma fuq ix-xhur li ħadmu, maħdum fuq is-salarju ta' Jannar 2010 skond id-direzzjoni li ta' d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 7. Diskussjoni dwar Waste Management.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-ditta *WasteServ* kienet qed tagħmel proposta biex tinċentiva lill-Kunsill biex jagħzel waħda mid-ditti *Greenpak* jew GreenMT biex il-Kunsill ikun jista jibbenefika minn *refund* fuq l-iskart isseparat li jinġabar kull nhar ta' Tlieta liema tunnellaġġ jibda jitnaqqas mis-somma li l-Kunsill iħallas meta jarmi l-iskart domestiku. Il-Kunsill unanimament qabel li jiffirma l-kuntratt mal-*WasteServ* biex ikopri l-istess perjodu tal-kuntratt li jrid jiffirma mad-ditta li ser tkun tiġbor l-iskart biex ma jkunx hemm perjodu mhux kopert mis-servizz tal-ġbir ta' skart isseparat mill-*bring-in-sites*.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjeġat fid-dettal id-differenzi bejn l-offerti tal-Greenpak u tal-GreenMt. Kopja tal-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Kunsill u dawn id-ditta ngħatat lill kull kunsilier permezz ta' l-*email* qabel il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament qabel li l-proposta tad-ditta Greenpak kienet tidher l-aktar vantaġġuza u ddeċieda li jiffirma l-kuntratt ma din id-ditta kemm għal-ġbir ta' l-iskart mill-*bring-in-sites* kif ukoll biex jiġbor l-iskart isseparat mid-djar kull nhar ta' tlieta mill-1 ta' Marzu 2010.

## 8. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-27 ta' Jannar 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €13,170.45.

Il-Kunsill unanimament qabel li jħallas lill-*contract manager*, il-Perit Bezzina paġament *on account* li jammonta għas-somma ta' €800.00.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Is-Sindku kien skuzat f'dan il-ħin.**

## 9. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza kollha li waslet bejn s-7 ta' Jannar 2010 u t-18 ta' Frar 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tat-18 ta' Frar 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 120/10:** Stedina biex l-Kunsill jattendi għal-rekording biex jagħti pubbliċita' lill-Jiem il-Ġonna llum peres li d-data kienet ġiet mibdula. Il-Kunsillieri G. Borg u Dr. T. DeGiorgio attendew għar-rekording.

**Ittra Numru 119/10:** Stedina biex l-Kunsill jattendi għal-laqgħa dwar iż-żjara tal-papa nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Frar 2010. Il-Kunsillier G. Borg ser jattendi flok is-Sindku.

**Ittra Numru 118/10:** Talba ta' kollaborazzjoni mill-Kazin San Gabriel biex titella attivita' fl-okkazjoni ta' Ħadd il-Palm. Ara punt 3 taħt "Mill-Minuti".

**Ittra Numru 96/10:** Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet ġie nnutata. Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għall-fondi biex isir il-pedestal ta' l-arblu tal-bandiera għal-pjazza, *gazebo* għal-*playing field* u *bus shelters* għal-pjazza u Triq Guze Bonnici.

**Ittra Numru 89/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'risposta dwar jekk nistawx nużaw servizzi privati ta' siġurta ġiet innutata.

**Ittra Numru 22/10:** Ir-rapport mill-MEPA dwar is-siġar tal-Wied ta' Ħal Balzan ġie nnutat.

**Ittra Numru 1725/09:** Il-kwotazzjoni għall-istallazzjoni ta' fanali fi Triq Mons. F. X. Zahra ġiet. Ara punt numru 6 taħt "Mill-Minuti".

## 10. Ilmenti.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed rapport li jġib id-data tat-18 ta' Frar 2010 li juri l-ilmenti pendenti sat-18 ta' Frar 2010 (mehmuza).

**Ilment Numru 17010030119880:** Is-suġġeriment dwar *traffic management* fl-arja ta' bejn Triq Guze Bonnici u Triq il-Lunzjata ġie nnutat. Il-Kunsill unanimament qabel li l-affarijiet jibqaw kif inhuma sabiex ma jinħoloqx konġestjoni ta' traffiku fil-kantuniera ma Triq Wiġi Ebejer.

**Ilment Numru 17010091119941:** Is-suġġeriment li ssir *bye-law* biex jiġu protetti l-ġonna ma ntlaqgħetx għar-raġuni li hemm il-liġi li tikkontrolla l-iżvilupp li tmexxi lill-MEPA biex tagħmel dan kif ukoll il-Kunsill m'għandux il-jedd li jimponi tali direttivi fuq propjeta privata.

**Ilment Numru 17010022119825:** Talba biex titbaxxa l-bankina quddiem 1 Triq Guze Bonnici ġiet innutata. Il-Kunsill innota li l-permess ingħata qabel il-laqgħa.

**Ilment Numru 17010031120307:** Resident qed jallega li meta saret it-triq saritlu ħsara fil-katusa tad-drenaġġ tiegħu li tinsab fi Triq il-Kannizzata kantuniera ma Triq Patri Guze Delia. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill Kunsill illi l-Perit tal-Kunsill flimkien mal-perit tal-kuntrattur, is-Segretarju Ezekuttiv u l-Viċi-Sindku marru fuq il-post u qed tistenna risposta mingħand il-perit.

**Ilment Numru 17010087120440:** Talba biex terġa ssir *zebra-crossing* fi Triq il-Kbira fl-arja tat-Tikabu. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill proposta li ntbagħtet lill kull kunsillier qabel il-laqgħa ta' fejn tista titqiegħed iz-*zebra-crossing* jekk tersaq il-*bus stop* aktar lejn il-kantuniera ta' Triq il-Kbira (ritratt mehmuz). Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li b'din il-proposta jintilef *parking bay* wieħed. Il-Kunsill unanimament qabel li tintbagħat talba lill-ADT sabiex jinħareġ il-permess meħtieġ.

## 11. Affarijiet Oħra.

1. Il-Kunsill unanimament qabel li għal-ftuħ ta' l-offerti jkunu prezenti l-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea u l-Kunsillier J. Cassar.

2. Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' tat-22 ta' Jannar 2010 (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 10 ta' Marzu 2010 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data